**Kunsill Lokali Ta Xbiex**
High Rise Apartments, Triq l-Imradd, Ta Xbiex XBX 1150
Tel: 00356 21338844 email:taxbiex.lc@gov.mt website: www.taxbiex.gov.mt

**KUNSILL LOKALI TA' XBIEX**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 61 – IL-ĦAMIS, 23 TA' NOVEMBRU 2023 FIS-5.55PM**

Il-Kunsill iltaqa' fil-Boardroom.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti | Max Zammit | Sindku |
| | Eugenio Muscat | Kunsillier |
| | Ronald Portelli | Kunsillier |
| | Kurt Guillaumier | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| Skużati | Oriana Calleja | Viċi Sindku |
| | Louisa Cachia Castelletti | Kunsillier |

## 1 Approvazzjoni Minuti Numru 60

1.1 Is-Sur Eugenio Muscat ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sur Ronald Portelli ssekonda. Kien hemm qbil unanimu.

## 2 Punti mtella mill-Minuti 59

2.1 Dwar paragrafu 4.5, is-Sur Ronald Portelli staqsa dwar il-petizzjoni. Kien hemm qbil li għandha ssir talba lil TM biex nistaqsu jekk din is-sleeping policeman hiex permessibbli.

## 3 Pagamenti

3.1 Il-pagamenti ġew diskussi waqt il-laqgħa. Is-Sur Ronald Portelli ppropona li jiġu approvati dawn il-pagamenti. Is-Sur Eugenio Muscat issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

## 4 Komunikazzjoni mis-Sindku

4.1 Kien hemm qbil li l-party tal-Milied isir fil-15 ta' Diċembru 2023.

4.2 Dwar l-interviews għal post ta' Segretarju Eżekuttiv, kien hemm qbil li dawn isiru fit-30 ta' Novembru 2023 fil-5.30pm.

fuq ir-Rampa

4.3 Is-Sindku tkellem dwar il-pjanijiet tal-Belvedere. Għandha ssir laqgħa mal-Perit tal-Kunsill biex jerġa' jiġi kkomunikat il-ħsieb tal-Kunsill għal dan il-proġett.

## 5 Korrispondenza

5.1 Dwar l-iskemi tar-Reġjun ta' għajnuna finanzjarja, kien hemm qbil li s-Segretarju tar-Reġjun jiġi nfurmat li l-football tournament ser isir bejn l-1 u l-4 ta' Diċembru 2023.

5.2 Għandha ssir talba lill-Manager tar-Reġjun biex issir laqgħa dwar EU funding.

5.3 Kien hemm diskussjoni dwar il-Public Toilets. Kien hemm qbil li għandha terġa' ssir diskussjoni mal-Waterpolo Club dwar kollaborazzjoni biex ikun hemm agreement biex dawn jassistu għall-immaniġġjar ta' dawn il-public toilets.

5.4 Kien hemm qbil li tiġi ffirmata id-dikjarazzjoni biex in-naħal tiġi in-naħal maltija u tiġi ddikjarata bħala l-insett nazzjonali.

5.5 Kien hemm qbil li s-Sindku jattendi għall-istedina tal-(CEMR) European Committee of Municipalities and Regions.

5.6 Kien hemm qbil li jiġi mħallas il-performance bonus għal community workers.

5.7 Kien hemm qbil li jiġu mħawwla żewġ siġriet żgħar fi Triq il-Halg.

5.8 Kien hemm qbil li l-cleaner tibda tiġi darbtejn fil-ġimgħa minflok darba.

## 6 Għeluq il-Laqgħa

6.1 Il-laqgħa spiċċat fis-7.30pm.

**Max Zammit**
**Sindku**

**Kurt Guillaumier**
**Aġent Segetarju Eżekuttiv**